DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182061** **27.09.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-ktieb intitolat 'Social Inclusion of Invisible Disabilites in Parliament'***

L-I*speaker* Anġlu Farrugia indirizza konferenza stampa fejn ħabbar il-pubblikazzjoni intitolata '*Social Inclusion of Invisible Disabilities in Parliament*'. Dan il-ktieb jiġbor id-diskorsi u l-interventi li saru minn diversi kelliema li ħadu sehem fil-konferenza nazzjonali, li saret f'Mejju tal-2018, dwar l-inklużjoni soċjali ta' pazjenti li huma milquta minn kundizzjonijiet mediċi, fosthom ME, CFS u *Fibromyalgia* li huma wkoll magħrufa bħala "*invisible disabilities*".

Il-ħsieb ta' din il-konferenza nazzjonali fil-Parlament kien proprju li jikber l-għarfien fost il-poplu Malti u Għawdxi dwar il-qagħda ta' dawk milquta u d-diffikultajiet tagħhom u ta' qrabathom, kif ukoll li jittieħdu aktar miżuri sabiex titjieb il-qagħda tagħhom fis-soċjetà.

L-I*speaker* Anġlu Farrugia rrefera għad-diskors li kien għamel id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne matul l-istess konferenza li kienet inżammet fil-Parlament fejn kien tenna li sa mill-2014, Malta rrikonoxxiet uffiċjalment il-kundizzjoni msejħa *Fibromyalgia* bħala kundizzjoni medika, minkejja li s-servizz tas-saħħa f'pajjiżna huwa fost il-ftit li għamlu dan. Sussegwentament, il-marda tal-*Fibromyalgia* ġiet inkluża fost il-kundizzjonijiet mediċi li jidhru f'*Schedule V*, li permezz tagħha l-pazjenti huma intitolati għal mediċina b'xejn, filwaqt li fakkar ukoll li tliet snin ilu, twaqqaf l-ewwel *Fibromyalgia Clinic* li ta' kull sena jirrikorru għas-servizzi tiegħu madwar 3,700 pazjent.

Matul it-tnedija ta' din il-pubblikazzjoni, indirizzaw ukoll lil dawk preżenti s-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018 Deo Debattista, kif ukoll il-Membri Parlamentari Maria Deguara, Ivan Bartolo u Silvio Grixti. Tkellmet ukoll il-President ta' ME, CFS u Fibromyalgia Alliance Malta Ruth DeBono.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**